Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2024/2460

17.9.2024

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/2460

tas-16 ta' Settembru 2024

li tipposponi d-data tal-iskadenza tal-approvazzjoni tal-metoflutrin għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 18 f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 14(5) tiegħu,

Wara li kkonsultat lill-Kumitat Permanenti dwar il-Prodotti Bijoċidali,

Billi:

(1) Il-metoflutrin ġie inkluż fl-Anness I tad-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [2] bħala sustanza attiva għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 18. Skont l-Artikolu 86 tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, ġie għalhekk ikkunsidrat bħala approvat skont dak ir-Regolament sat-30 ta' April 2021 soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness I tad-Direttiva 98/8/KE.

(2) Fil-25 ta' Ottubru 2019, ġiet sottomessa applikazzjoni f'konformità mal-Artikolu 13(1) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 għat-tiġdid tal-approvazzjoni tal-metoflutrin għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 18 ("l-applikazzjoni").

(3) Fil-15 ta' Ottubru 2020, l-awtorità kompetenti li tevalwa tal-Irlanda infurmat lill-Kummissjoni li kienet iddeċidiet, skont l-Artikolu 14(1) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, li kienet meħtieġa evalwazzjoni sħiħa tal-applikazzjoni. Skont l-Artikolu 8(1) ta' dak ir-Regolament, l-awtorità kompetenti li tevalwa għandha twettaq evalwazzjoni sħiħa tal-applikazzjoni fi żmien 365 jum mill-validazzjoni tagħha.

(4) L-awtorità kompetenti li tevalwa tista', skont il-każ, tirrikjedi li l-applikant jipprovdi biżżejjed *data* biex titwettaq l-evalwazzjoni, f'konformità mal-Artikolu 8(2) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012. F'dak il-każ, il-perjodu ta' 365 jum jiġi sospiż għal perjodu li ma jistax jaqbeż il-180 jum b'kollox, sakemm ma tkunx iġġustifikata sospensjoni itwal minħabba n-natura tad-*data* mitluba jew minħabba ċirkostanzi eċċezzjonali.

(5) Fi żmien 270 jum minn meta tirċievi rakkomandazzjoni mill-awtorità kompetenti li tevalwa, l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi ("l-Aġenzija") għandha tħejji opinjoni dwar it-tiġdid tal-approvazzjoni tas-sustanza attiva u tissottomettiha lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 14(3) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012.

(6) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/327 [3] ipposponiet id-data tal-iskadenza tal-approvazzjoni tal-metoflurin għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 18 ("l-approvazzjoni") għall-31 ta' Ottubru 2023, sabiex ikun hemm biżżejjed żmien għall-eżami tal-applikazzjoni.

[1] ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2012/528/oj.

[2] Id-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 1998 dwar it-tqegħid fis-suq tal-prodotti bijoċidali (ĠU L 123, 24.4.1998, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/1998/8/oj).

[3] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/327 tat-23 ta' Frar 2021 li tipposponi d-data tal-iskadenza tal-approvazzjoni tal-metoflutrin għall-użu fi prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 18 (ĠU L 64, 24.2.2021, p. 10, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2021/327/oj).

(7) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1086 ([4]) ipposponiet mill-ġdid id-data tal-iskadenza tal-approvazzjoni għall-31 ta' Ottubru 2024 minħabba l-ħtieġa li l-awtorità kompetenti li tevalwa tivvaluta d-*data* addizzjonali mitluba mill-applikant.

(8) Fit-13 ta' Frar 2024, l-awtorità kompetenti li tevalwa infurmat lill-Kummissjoni li hija meħtieġa estensjoni addizzjonali tal-approvazzjoni minħabba dewmien fl-evalwazzjoni tal-applikazzjoni. L-awtorità kompetenti li tevalwa ssottomettiet ir-rapport ta' valutazzjoni tat-tiġdid lill-Aġenzija fis-7 ta' Marzu 2024.

(9) Għaldaqstant, għal raġunijiet li ma humiex fil-kontroll tal-applikant, l-approvazzjoni x'aktarx li se tiskadi qabel ma tittieħed deċiżjoni dwar it-tiġdid tagħha. Għalhekk jixraq li d-data tal-iskadenza tal-approvazzjoni tiġi posposta ulterjorment għal perjodu ta' żmien biżżejjed biex ikun jista' jiġi ffinalizzat l-eżami tal-applikazzjoni. Wara li tqiesu l-limiti ta' żmien għat-tħejjija u s-sottomissjoni mill-Aġenzija tal-opinjoni tagħha u ż-żmien meħtieġ biex il-Kummissjoni tiddeċiedi jekk iġġeddidx l-approvazzjoni, jenħtieġ li d-data tal-iskadenza tiġi posposta għat-30 ta' April 2026.

(10) Wara l-posponiment ulterjuri tad-data tal-iskadenza tal-approvazzjoni, il-metoflutrin jibqa' approvat għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 18 soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness I tad-Direttiva 98/8/KE,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-data tal-iskadenza tal-approvazzjoni tal-metoflutrin għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 18 stabbilita fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/1086 hija posposta għat-30 ta' April 2026.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Settembru 2024.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

([4]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1086 tat-2 ta' Ġunju 2023 li tipposponi d-data tal-iskadenza tal-approvazzjoni tal-metoflutrin għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 18 f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 144, 5.6.2023, p. 96, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2023/1086/oj).